# " C A M I L L E "

( LA TRAVIATA )

TA

ALEXANDRE DUMAS.

Maqlub ghal Malti mir-Rumanz u mill-Librett ta' l-Opra

minn:

CHARLES ATTARD.

1 9 5 3.

Il-Grajja ssir f'Parigi - Zminijiet: Is-Seklu XVIII.

- - - - - - - - - - - - - -

L-Ewwel Att isir fix-xaghar ta' Awwissu, it-Tieni, f'Jannar, It-Tielet u r-Raba' fi Frar.

(1) Preludiu

bartam

Att. 2 = Introduzzjoni + Romanza

Tenur

" PLADDA HOUSE "

22, Prince Albert Street,

Sliema.

1 ta' Ottubru, 1953.

Kull jedd ta' hdim, qlib, tbigh, taqsir u xandir,

hu f'idejn l-Awtur.

CHARLES ATTARD.

# " C A M I L L E "

## JIEHDU SEHEM:

Mary Vassallo.

| | |
|---|---|
| VIOLETTA VALERY ✓ | Helen Saliba . . . . . . . . . . . . ✗ |
| FLORA BERVOIX ✓ | ~~Mary Camilleri~~ . . . . . . . . . . . . ~~H. L. Buggé~~ |
| ANNINA ✓ | Mary Vassallo . . . . . . . . . . . . |
| ALFREDO GERMONT ✓ | Twanny Scalpello . . . . . . . . . . . . |
| BARON DOUPHOL ✓ | Paul Borg Schembri . . . . . . . . . . . . |
| M. GEORGE GERMONT ✓ | Watty Cachia . . . . . . . . . . . . |
| M. GASTON | Joe Ellul . . . . . . . . . . . . |
| MARQUIS D'OBIGNY | Victor Aquilina . . . . . . . . . . . . |
| DR. GRENVIL | Victor Cardona . . . . . . . . . . . . |
| JOSEF | Walter ~~Sava~~ . . . . . . . . . . . . ? |
| MESSAGGIER | . . . . . . . . . . . . |

HBIEB TA' VIOLETTA U FLORA.

Extra

Tasti { Mary Rose Buggé, Violet Overend, Marion Cachia, Mary Vassallo }

Joe Ellul
And. Ellul
Joe Fenech

Gypsies — Overend (2) - Pirotta -

19,00.
20,00.

"C A M I L L E"

(L A T R A V I A T A)

T A '

A L E X A N D E R D U M A S

IDDRAMMATIZZAT GHAL - PALK MALTI F'ERBA' ATTI

minn

CHARLES ATTARD.

MUSIKA

TA'

GIUSEPPE VERDI.

- - - - - - - - - - - - - - - - -

Il-Grajja ssir f'Parigi - Zmien: Is-seklu XVIII.

L-Ewwel Att isir fix-xahar ta' Awwissu, it-Tieni u Tielet f'Jannar, ir-Raba' fi Frar.

- - - - - - - - - - - - - - - - -

DRAMATIS PERSONAE:

| | |
|---|---|
| VIOLETTA VALERY | (LA TRAVIATA) |
| FLORA BERVOIX | Il-Habiba taghha. |
| ANNINA | Seftura ta' Violetta |
| ALFRED GERMONT | Namrat ta' Violetta |
| BARON DOUPHOL | HABIB TA' VIOLETTA |
| M. GEORGE GERMONT | Missier Alfredo |
| GASTON, Viskonti De Letorieres. | Habib ta' Alfredo |
| MARQUIS D'OBIGNY | Habib ta' Violetta |
| DR. GRENVIL | Tabib ta' Violetta. |
| JOSEF | Seftur ta' Violetta. |
| MESSAGGIER | |

Hbieb ta' Violetta u Flora.

Curtain up :- Present on the stage

Females { Flora - Violetta - Mary Rose Bugga - Iris
Joyce Overend - Violet Overend

Males. ( Alfredo - Duphol - Gaston - Markis
Dr. Grenfell - Joe Fenech - Evaristo Sal.

Violetta | Flora | - Dobigny | ~~Evarist~~ | Joe Fenech

↓
Gaston | Alfred

Iris + Joyce
Evarist
Joe Fenech

~~Dr~~
Giov. | Flora Dobigny.

"CAMILLE"

L- EWWEL ATT.

XENA: Sala rikka fid-dar ta' Violetta. Faccata bieb li jaghti ghal sala ohra. Fil-gnub zewg bibien. Fuq ix-xellug, tidher cumnija mixghula - Fuqha, mera. Fin-nofs, mejda rmata ghall-ikel.

Qabel jiftah is-Siparju, l-Orkestra iddoqq "IL-PRELUDIO"

Kif jiftah is-Siparju, Violetta tidher bilqegheda fuq divan tidhaddet mat-Tabib Grenvil u xi hbieb taghha. Xi hbieb ohra, jidhru qeghedin jilqghu lil mistidnin li qed jaslu sikwit, fosthom, il-Baruni Douphol, u Flora labranzetta mal-Markis D'Obigny.

Kif Violetta tilmah lil Flora, tqum u tersaq biex tilqaghhom.

Softer .. Markis D'Obigny u Mamselle Belvoix

Violetta: Flora! Hsiebthek m'inthix gejja. Ghaliex iddawwatu daqshekk?

Flora : Ahfirli, Violetta; kelli xi hbieb id-dar u ghalhekk ma stajtx nigi qabel.

D'Obigny: Ahfrilna jekk iddawwarna, Mamselle.

Violetta: Basta gejtu, Sur Markis; kont qegheda niehu hsiebkhom. Issa li jinsab hawn kullhatt, nghaddu l-lejl flimkien - nieklu, nixorbu nidhqu u niccajtaw.

D'Obigny: ~~Le!~~ F'dan id-divertiment, jiena nhossni fl-hena tighi.

Flora : (Bid-dahqa) Jien ukoll, ~~x~~alati bhal dawn huma l-gh~~a~~xqa tighi - ~~xxxxxxxxxxxxxxxxxxxx~~ L-hena ittawwal il-hajja - M'hux tassew, Violetta?

Violetta: Iva, iva, jiena u int naqblu hafna fl-ideat taghna.

Softer (X) Il Viskonti Gastan u Mons. Alf. Germont
(Jidhlu il-Viskonti Gaston u Alfredo Germont) X

Flora : (Lil Violetta:) Violetta, wasal il-Viskonti Gaston.

Violetta: (Waqt li Gaston u Alfredo jersqu biex isellmulha:)

Bon Soir, M. Gaston - Qed niehu gost li gejt - Ilbierah, ghax ma gejtx tkellimni, meta konna it-Teatru?

Gaston : Fil-palk, int kont imdawwra bil-hbieb tieghek u ghalhekk, hsiebt li ahjar ma nigix inkellmek.

Violetta: Ghamilt hazin - Il-hbieb, jien, dejjem nifrah bihom.

Gaston : La darba huwa hekk, sejjer inzidlek habibiehor fil-lista - Nipprezentalek lil M. Alfred Germont.

Violetta: (<u>Lil Gaston:</u>) Nirringrazzjak, Monsieur, ghal din l-introduzzjoni. (<u>Tesdendi idha lil Alfredo li jbusilha</u>)
M. Germont nippresentalek lil habiba tieghi Flora.

Alfredo : Mamselle, jekk niftakar sewwa, jiena ga kelli l-unur li jintroducuni mighek.

Violetta: Iva! Jiena ma nsejtx, Monsieur.

Alfredo : Dik l-okkazjoni nixtieqek tinsieha, Mamselle - dak inhar jiena kont ridikolu - il-manieri tighi nahseb li ddisgustawk.

Gaston : Jekk tippermettuli, inkompli ftit ma' Flora.

Violetta: Kompli, kompli, Gaston.

(Gaston, isellem u jersaq jithaddet ma' Flora)

Alfredo : Dak inhar li ntqajna, kien sentejn ilu, fl-Opera Comique.

Violetta: (Bid-dahqa) Niftakar, niftakar, Monsieur. Dak inhar m'hux int kont ir-ridikolu, imma jien, li kont xi ftit spirituza izjed mis-soltu. Jien ukoll irridek tinsieha dik il-laqa'. Ghidli li hfirtli int ukoll, Monsieur. (<u>Testendi ida u ibusielha:</u>) Meta niltaqa' ma xi zaghzugh ghall-ewwel darba, inhoss xi haga li taghmilni kburija - inhoss li dak li jkun ghandu jhoss ruhu inferjuri ghalija. It-tabib qalli li dan ~~huwa~~ gej min-nervi u mill-marda li ghandi.

Alfredo : Int tidher fsikthek, Mamselle.

Violetta: Ftit ilu, kont marida hafna.

Alfredo : Iva, kont smajt li kont marida.

Violetta: Min qallek, Monsieur?

Alfredo : Kullhatt kien jaf, Mamselle. Jiena kont nigi nistaqsi ghalik kwazi kulljum u fraht m'hux ftit meta qaluli l-int kont konvalexxenti.

Violetta: Qieghed tiskantani - Il-biljett tighek qatt ma wasal f'idejja.

Alfredo : It-tort kien tighi - jiena qatt ma hallejt biljetti meta kont nigi nistaqsi ghalik.

Violetta: Possibbli li kont int, li kulljum kont tigi tistaqsi ghalija?

Alfredo : Iva, Mamselle.

Violetta: Int kont generus hafna ( Iddur lejn Douphol:) Generus aktar minnek, M. le Baron. Int qatt ma wasalt biex taghmlu dan.

Douphol : (Imfixkel:) Mamselle, jiena dak iz-zmien ma kontx ili nafek wisq.

Violetta: (Bid-dahqa:) Monsieur kien kellimni darba biss u baqa' jahseb fija. (Ittieh harsa ironika, tinfexx tidhaq, tqum u b'lehen ferriehi:) Hbieb, issa li kullhatt jinsab hawn, nistghu nibdew.

(Kullhadd jiehu postu fuq il-mejda. Douphol jersaq lejn Violetta, u bhal wiehed iffastidit)

Douphol : Mamselle, jekk tippermettili, sejjer nillicenzja ruhi. (Jidbaxxa u jbusilha idha)

Violetta: Addio! Ghaliex sejjer hekk kmieni?

Douphol : Ghaliex qed nahseb li l-presenza tighi, il-lejla qegheda tissikkak.

Violetta: (Bid-dahqa) M'hux akatr mis-soltu, M. le Baron. U meta behsiehek thallini ~~narak~~ anqas narak?

Douphol : Meta jkollok xi ftit zmien ghalija, Mamselle.

Violetta: Addio!

Douphol : (Wagt li jerga jidbaxxa) Addio! (Imdejjaq, johrog) (Champagne) -

Gaston : (Wagt li jersqu lejn il-mejda) Int qalbek iebsa, Mamselle. Milli jidher, M. le Baron, ha fastidju.

Alfredo : M. le Baron jidher li jhobbok hafna.

Violetta: Kieku kelli nati kas ta' kull min ihobbni, ibqghu sguri li anqas hin niekol ma kien jkollhi. X'sejra ~~nferraghalkhom~~ noffrilkom, Messieurs?

Gaston : Xampanja, Mamselle. Int xi tghid, Alfredo?

Alfredo : Gaston, ix-xampanja hija x-xorb favorita tighi u ghalhekk ma niksirlekx ix-xewqa tighek.

(Violetta tferrah ix-xampanja. Zewg sefturi jidhru qeghedin iservu bl-ikel lil mistidnin u iferrghulhom ix-xorb.)

D'Obigny: Mamselle, qieghed nosserva li l-lejla kullhadd huwa kwiet.

# " LA TRAVIATA "

## BRINDISI.

Kor : Nixorbu, nixorbu l-ferh mit-tazzi
Li jżid il-ġmiel bl-inwar
Jekk ghadda, jekk ghadda l-hin u tar
Mal ferh u l-briju mar.

Alfredo : Ix-xorb bir-rexa helwa
U l-ghaxqa li titrabba'

Violetta : L-qlub m'hux ser itabba'
Jekk jimla n-nies bl-imhabba.

Kor : Nixorbu, nixorbu u bews ahjar
Jinghata fin-namrar.

Nixorbu u bews ahjar
Jinghata fin-namrar.

~~Violetta~~ Alfredo : Jien fostkhom, jien fostkhom ser inqatta'
Żmien helu mimli blugha
Id-dinja, id-dinja kif nifmuha,
M'hi xejn hlief sigha frugha.

~~Alfredo~~ Violetta : Ingawdu! Iż-żmien qed jghaddi
Lil hadd m'hu ser jistenna
U qalbna trid tithenna
B'xalar, namur u benna.

Kor : Nixorbu, nixorbu u bews ahjar
Jinghata fin-namrar.

Nixorbu u bews ahjar
Jinghata fin-namrar.

Versi ta' J.M. Manara.

(Light No 1)

Violetta: Sewwa qieghed tghid... Donnu li nsejna li qeghedin hawn biex nidhqu u niddevertu. Hbieb hudu t-tazzi f'idejkhom, halli nixorbu flimkien.

Alfredo : (Bit-tazza f'idu iqum bilwieqfa:) Iva! Nixorbu bis-sahha ta' Mamselle Valery.

Violetta: (Tqum u tgholli t-tazza) Bis-sahha ta' M. Germont.

Ilkoll : Bis-sahha tal-hbiberija taghna. (Jixorbu)

Light No 2 BRINDISI -

(~~Mis-sala~~ is-sala tal Ballu tal-faccata tinstama' orkestra)

Violetta: Hbieb ~~l-orkestra~~ qegheda issejhilkhom - Ma tixtiqhux tisfnu l-lejla?

Flora : Idea sabieha, Violetta.

D'Obigny: Is-sfin, lili, jaghmilni zaghzugh mil gdid.

Violetta: Morru, morru isfnu, jiena dalwaqt nigi warajkhom.

Gaston : Immorru!

Ilkoll : Immorru! (Il-mistidnin johorgu ghal-kamra l-ohra, Violetta, mistrieha fuq drieh Alfredo, tersaq lejn Pultruna u wara li toqoghod bilqegheda:)

Violetta: Qieghed tiehu gost, Monsieur?

Alfredo : Tiddubita, Mamselle?

Violetta: Ghalija, iljieli bhal dawn, huma l-hena tighi. X'hemm isbah mill-hajja fid-dinja?

Alfredo : Ghal dak li ghadu ma jafx xi tfisser imhabba, m'hemm xejn isbah minnha.

Violetta: L-imhabba, ghalija, ma tfisser xejn - L-imhabba jiena niddisprezzaha.

~~Alfredo : (Offis:) Destin ikreh!....~~

Violetta: Imxi, Monsieur, imxi nisfnu zifna.

Alfredo : Kif joghogbok, Mamselle.

(Violetta tqum. Kif taghti l-ewwel pass, bhal wahda sturduta, ittalla idha fuq mohha u b'lehen imbazza':)

Violetta: Ah!.....

Alfredo : Xi gralek, Mamselle? Annina! Gaston! Annina!

Violetta: Xejn;;;. xejn... (Tidhol Annina)

Alfredo : Wiccek isfar mewt....

Annina : Xgara? Xgara, Mamselle?

Violetta: Xejn, Annina... taghni bhal sturdament. Imxi, Monsieur, imxi immorru.

(Taghti zewg passi ohra u tieqaf. Tibda tisoghol. Taghmel maktur ma' halqa. F'daqqa wahda dan il-maktur jidher jiccappas bid-demm. Tfittex biex toqoghod bilqegheda u b'lehen imbazza':)

Alla tighi!....

Alfredo : (Imbazza) X'wahda din Demm!!!

Annina : Ghidli, x'inti thoss, Mamselle.

Alfredo : Int qegheda ssofri,hafna.

Violetta: Taghni bhal hasshazin. Mur, mur isfen, Monsieur, ftit minuti ohra, jiena nigi wkoll.

Alfredo : Le! Jiena nibqa' mighek.

Violetta: Grazzi, Monsieur. Annina, inti tista' tmur, issa m'inhix hazin.

(Annina issellem u tohrog)

Igifieri kont int li tigi tistaqsi ghalija meta kont marida.

Alfredo : Iva!

Violetta: Kif sejra nibda nirringrazzjak?

Alfredo : Billi thallini nigi nzurek spiss, Mamselle.

Violetta: Id-dar tighi dejjem lesta biex tilqghek. ~~Int tista' tigi bejn il-hamsa u s-sitta u bejn il-hdax u nofs il-lejl.~~

Alfredo : Jiena ma rridx nissikkak - Jekk int ma tiflahx....

Violetta: Le! Jiena niehu gost jekk tigi tarani.

Alfredo : ~~Ghaddielek, issa?~~ Kif thossok issa?

Violetta: Ftit ahjar.

Alfredo : Mamselle, jiena nahseb li qegheda tistrapazza ruhek wisq. Nixtieq li kont nigi minnek, kieku jiena kont niehu hsiebek - kont noqoghod ghassa tighek - nikkurak...

: billi nharrsek minn dak li jista jaghmillek hazin.

Violetta: Ghalija, m'ghandekx ghax tinkwieta ruhek. Hares lejn dik il-kamra. M'inthix tara kemm jaghtu kas tighi? Bir-ragun, ghaliex jafu li ghalija ma jistghu jaghmlu xejn.

(Alfredo jidher b'rasu baxxuta. Violetta thares lejh, u sorpriza:)

Int ~~qieghed tibki!~~ tidher hasbien -- Xi gralek, Monsieur???

Alfredo : (Kommoss:) F'ghajnejn, Mamselle, jiena forsi nidher ridikolu. Emminni, meta rajtek qed ihossok hazin, ~~jiena~~ hassejt hafna ghalik.

Violetta: Int twajjeb izzejjed. Monsieur, li niehu sehem f'dawn il-festi, ghalija, hija haga mehtiega. Bil-lejl, jiena ma nistax norqod u ghalhekk jehtiegli nara kif inqatta is-sieghat mudlama. It-tobba, jghiduli li d-demm li n-nehhi, jigi minn grizmejja - Jiena ma nmerihomx; nurihom li qed nemminhom.

Alfredo : Mamselle, ghalkemm jiena ghadni ma nafx x'sehem sejra tiehu fil-hajja tighi, nghidlek li bhall-issa, int ghalija, tfisser imhabba - interess. Mamselle, jiena nitolbok tiehu kura tighek in-nifsek - nitolbok li tghix hajja ohra.

Violetta: Jekk nittanta niehu kura tighi n-nifsi, ibqa' sgur li m'indumx hajja wisq. Dak li qieghed izommni hajja, huwa d-divertiment, il-kant, is-sfin u l-hbieb.

Alfredo : Ghalkemm ghalik, jien ma nfisser xejn, jekk tippermettili, nibda niehu hsiebek, daqskemm kieku kont huk. Jekk thallini, jiena ma nitbieghedx minn hdejk ghall-minuta wahda biss. Jiena nikkurak u meta inti terga' tiehu sahtek, int tkun tista' mill gdid ghal hajja li qed tghix il-lum. Mamselle, jiena nisgurak li jekk ghal ftit toqoghod fil kwiet, il-quddiem, int ma tkunx trid tghix dil-hajja. Il-kwiet huwa s-serhan tal-gisem u tal-mohh.

Violetta: (Bid-dahqa:) Qieghed titkellem hekk ghaliex forsi ix-xampanja tilfitek xi ftit. Meta tkun f'sensik sewwa, int sgur li ma tiehux dil-pacenzja kollha.

Alfredo : Mamselle, nitolbok li ma tinsiex li jien ghal xahrejn shah kont nigi nistaqsi ghalik kulljum.

Violetta: Iva! Dan huwa minnu. Ghidli ftit, ghaliex qatt ma tlajt hdejja meta kont tigi tistaqsi ghalija?

Alfredo : Dak iz-zmien, ~~jiena~~ kont ghadni ma nafhekx bizzejjed.

Violetta: Jidhirlek li kien hemm ghalfejn tkun partikulari daqshekk ma' tfajla bhali?

Alfredo : Ma' mara, Mamselle, wiehed dejjem ghandu jkun partikulari.

Violetta: U ghedtli li trid tiehu hsiebi?

Alfredo : Iva!

Violetta: Tixtieq toqoghod ma' genbi, ~~il-gurnata kollha~~? il-hin kollu?

Alfredo : Iva!

~~Violetta: Bil-lejl ukoll?~~

Alfredo : Noqoghod sakemm ma ndejqhekx.

Violetta: U dan x'issejjahlu int, Monsieur?

Alfredo : Rispett, Mamselle.

Violetta: Ghidli, mnejn hu gej dan ir-rispett?

Alfredo : Mis-simpatija - mill-gibda li nhoss ghalik, Mamselle.

Violetta: Dan ifisser li inti thobbni, Monsieur. Kellimni car nitolbok.

Alfredo : Nahseb li kif qed tghid int, Mamselle, biss, jekk qatt ghandi nghidlek li jiena nhobbok, m'hux il-lum. Il-lum, int ma thossokx fieha bizzejjed.

Violetta: Monsieur, nahseb li jkun ahjar ghalik jekk dik il-kelma ma tghida qatt.

Alfredo : Ghaliex?

Violetta: Ghaliex jekk jiena ma nilqax l-imhabba tighek, int thares lejja bl-ikreh - Jekk jiena nghidlek li nhobbok, int ikollok gharusa marida - nervuza - mara li tonfoq 100,000 frank fis-sena. Monsieur, l-imhabba tighi, tghodd biss ghal xi xwejjah ghani li jkun xi Duka, xi Baruni jew Konti. Ghal zaghzugh bhalek, l-imhabba tighi tfisser ghib kbir.

Alfredo : Ghib!

Violetta: Iva! Tant hu hekk, li jiena lesta ntik xhieda ta' dan li ghedtlek. Kull zazugh li kien ihobbni, ma damx mighi ghajr ftit jiem. Monsieur, ejja nitkellmu fuq xi hag'ohra, dan huwa kollu kliem fierah. Qum imxu immorru nisfnu - Li ma niehdux sehem fis-sfin mal-hbieb taghna, ma jaghmilx sabieh.

Alfredo : Mur, mur, Mamselle, jekk tixtieq tisfen... Lili, nitolbok li thallini hawn wahdi.

Violetta: Ghaliex trid toqoghod wahdek?

Alfredo : L-energija tighek, nhossa tbezzaghni.

Violetta: Tajjeb! Biex nikkuntentak, noqoghod qalbi sewda.

Alfredo : Mamselle.....

Violetta: Sejjahli Violetta.

Alfredo : Violetta! Violetta u Alfredo! F'dawn iz-zewg ismijiet, jiena nhoss armonija.... Violetta, jiena irrid nghidlek xi haga... xi haga li forsi int smajt hafna drabi u li x'aktarx il-lum din il-kelma, m'ghadx ghandha tifsir ghalik... Emminni, dak li sejjer nghidlek huwa realtà u nahliflek li ma nergax intennieh darb'ohra.

Violetta: (Bid-dahqa:) Kompli, kompli, Alfredo.

Alfredo : Violetta, bla ma naf ghaliex, minn dak inhar li rajtek l-ewwel darba, fija hassejt xi haga li bhala ma hassejt qatt qabel. Fil-hajja tighi, int sirt haga mehtiega - Ghalxejn nittanta nahseb f'hag'ohra - Minnufieh, int tfegg quddiemi. Kont ili sentejn ma narak u l-lum, li kelli x-xorti niltaqa' mieghek mill gdid, ghajnejk laqtuli lil qalbi tant, li nhoss li ma nistax niccaqlaq minn hdejk - Inhoss li ghandi niehu hsiebek, nipprotegik ~~daqskemm kieku kont tigi xi haga minni~~. Violetta, il-lum, li sirt nafek ftit aktar minn qabel, nghidlek li jekk ma thobbnix, jekk ma thallinix inhobbok, jiena niggennen... intemm hajti.

Violetta : Int ma tafx x'inti tghid, Alfredo. Biex lili, tghidli kliem bhal dan, trid tkun ghani hafna. Int ma tafx li jien nonfoq minn sitta sa' sebat elef frank fix-xahar. ~~Int~~ ma tafx li jien ma nistax nghix jekk ma nonfoqx din is-somma. Ma tafx, Alfredo, li jekk nilqa' l-imhabba tighek, jiena nfaqqrek fi ftit zmien! Jekk il-familja tighek ssir taf l-int thobb xbejba bhali, ~~huma~~ ikeccuk - ma jkunux iridu jafu bik izjed. Isma minni, Alfredo... ejja nibqghu hbieb imma m'hux aktar minn hekk.

Alfredo : Violetta!

Violetta: Alfredo, isma minni... Jiena nhallik tigi zzurni kull meta trid - Ahna noqoghodu nitkellmu - ~~niccajtaw~~ - Jiena ma nghoddx ghalik - Int ghandek qalb li taf thobb - Int ghandek bzonn ta' xbejba li thobbok sincerament - ~~li tkun zaghzugha u li ma tkunx daqghet il-hajja li fieha qeghda jien~~.

(Jidfacca fuq il-bieb Gaston u bid-dahqa)

Gaston : Nista' nkun ~~naf x'inthom taghmlu~~? kemm se ddumu ..?

Violetta: Qeghedin nithaddtu fuq hwejjeg serji hafna - Nitolbok li thallina ftit iehor wahidna.

Gaston : Tajjeb, la ghandkhom xi tghidu daqshekk - nistennewkhom ftit iehor. (Jinfexx jidhaq u johrog il-barra.)

Violetta: X'sejjer tghidli? Tweghedni li thassru dal-hsieb li ghandek ghalija?

Alfredo : Biex naghmel dan, jehtieg li jiena nitbieghed minn din d-dar ghal dejjem. Violetta, jekk int ma tilqax l-imhabba tighi, jiena lest biex immur issa stess.

Violetta: Bis-sod, qed tghidli hekk, Alfredo?

Alfredo : Iva!

Violetta: Imma la darba inti thobbni, ghaliex hallejt sal-lum biex turini b'din l-imhabba?

Alfredo : Meta riedtni niftah qalbi mieghek?

Violetta: L-ghada li ltqajna fl-Opera Comique.

Alfredo : Dak inhar kont ghadni nisthi minnek - Kont ghadni kemm rajtek.

Violetta: u F'dik il-lejla, int rajt fija l-imhabba tighek?

Alfredo : Iva!

Violetta: B'dan kollu, int bqajt sejjer id-dar - Mort torqod, qisu qatt ma kien xejn.

Alfredo : Sejra zball! Int ma tafx x'ghamilt wara li spicca t-Teatru.

Violetta: Le, ma nafx.

Alfredo : Jiena qadt nistenniek fil-bieb tal-Kafè Anglaise - Jiena bqajt gej wara l-karrozza tighek u ma nistax infissirlek il-ferh li hassejt meta rajtek diehla d-dar wahdek.

Violetta: (Tinfexx tidhaq fit-tul) Ha... ha... ha....

Alfredo : (Ikkonfondut) Ghaliex qegheda tidhaq?

Violetta: Kemm dahhaqtni bil-qalb.... Ghalxejn, ghalxejn, Alfredo.

Alfredo : (Ftit aktar serju) Ghidli ghaliex qegheda tidhaq. Jekk ma tghidlix, nghidlek li qegheda tghaddi z-zmien bija.

Violetta: Dak inhar kellhi ragunijiet tajba li mmur wahdi d-dar!

Alfredo : (Sorpris) Ghaliex, Violetta?

Violetta: Ghaliex id-dar kellhi lil xi hatt jistennieni.

Alfredo : (Iqum u jistendi idu biex isellmilha:) Sejjer, Violetta.

Violetta: (B'dahqa ironika:) Int ukoll ghandek lil xi hadd jistenniek?

Alfredo : Le! Jiena m'ghandi lil hatt jistennieni - Ahjar immur.

Violetta: (Ittieh idha biex ibusielha:) La trid tmur... Il-lejl ittajjeb.

Alfredo : Qegheda tibaghtni?

Violetta: Le! Inti trid tmur?

Alfredo : Ghaliex int hekk qalbek iebsa mighi?

Violetta: Ma jidhirlix - X'ghamiltlek biex tghidli hekk?

Alfredo : Ghedtli li d-dar kellek lil xi hatt jistenniek.

Violetta: Alfredo, meta ghedtli li fraht meta rajtni diehla d-dar wahdi, ma stajtx ma nidhaqx. Wigibni ftit Alfredo, xtahseb li hi dik li qieghed tidhaddet maghha? Jien la jien seftura u anqas Dukessa. Lilek sal-lum ma kontx nafek u ghalhekk dak li sar fl-imghoddi, mighek, jien m'ghandix inwiegeb ghalieh. Jekk il-quddiem inkun l-gharusa tighek - int issir taf li qablek, kellhi rgiel ohra jhobbuni - Jekk inti tghir ghalija il-lum, li bilkemm ghadna nafu lil xulxin, xtaghmel il-quddiem? Emminni, Alfredo, f'ghomri, ghadni qatt ma ltqajt ma' zaghzugh bhalek.

Alfredo : Dak ghaliex ebda zaghzugh ma habbek bhal ma habbejthek jien.

Violetta: Imma inti tassew thobbni?

Alfredo : Iva! Inhobbok b'imhabba tal-genn;

Violetta: Ma nafx ghaliex... il-lum qed inhossni ferhana ghal din il-kelma ta' imhabba. Alfredo, x'sejra naghmel?

Alfredo : Hobbni Violetta - qalbi hija ghaccana ghall-imhabba tighek.

Violetta: Tajjeb! Jiena nhobbok imma ghidli x'sejra naghmel bid-Duka.

Alfredo : (Serju) X'Duka hu li qegheda issemmi - Lil dan jien ma nafhux.

Violetta: Ix-xwejjah Duka li jghir ghalija bhal mignun.

Alfredo : Id-Duka m'ghandux jkun jaf b'din l-imhabba taghna.

Violetta: U jekk jisma?

Alfredo: : Jahfirlek, Violetta.

Violetta: Le! Huwa jhallini - Imbaghad x'isir minni?

Alfredo : Hawn jien ghalik - Ghalik, jien lest naghmel kollox.

Violetta: (Imhassba) Tajjeb! Jekk tghidli hekk - jekk tweghedni li tobdini, forsi nghidlek iva.

Alfredo : Ix-xewqat tighek, huma ordnijiet ghalija.

Violetta: Wahda mill-kundizzjonijiet tighi, hija dik li jien nibqa' pid tighi n-nifsi - igifieri li naghmel dak li rrid bla ma ntik ebda sodisfazzjon. Ili hafna mixtieqa li jkolli zaghzugh ihobbni bla ma jghir ghalija. Sa issa ghadni qatt ma ltqajt ma' wiehed kif irrid jien - l-irgiel, kif jidhlu ftit fil-kunfidenza, jippretendu li jaghmlu lit-tfajla, irsira taghhom.

Alfredo : Violetta, jiena lest biex naghmel dak li tghidli.

Violetta: Niddubita, Alfredo.

Alfredo : Meta ntik xhieda ta' kliemi?

Violetta: Aktar tard.

Alfredo : Ghaliex m'hux il-lum stess?

Violetta: Il-lum ghadu kmieni wisq - il-lum, int m'inthix se terga' l-ura mill-wegheda tighek - aktar tard, int tista' tinsa x'ghedt il-lum u dak inhar jien nara ismistnix kelmtek.

Alfredo : Meta sejjer nerga' narak, Violetta?

Violetta: (Tqum, tersaq lejn il-fjuri, taqla warda, u:)

Meta dil-fjura tbiddel il-lewn taghha.

Alfredo : U meta tbiddlu il-lewn dil-fjura?

Violetta: Ghadha filaghaxija, (~~beja, il-hdax u nofs il-lejl~~) - Kuntent issa?

Alfredo : (Waqt li jhaddanha mighu) Hemm ghalfejn tistaqsini?

Violetta: B'din l-imhabba taghna ma rridek turi lil hatt.

Alfredo : Inweghedek li hatt ma jkun jaf, Violetta.

Violetta: ~~Busni~~, Alfredo, ~~halli mmorru inkomplu mal-hbieb taghna.~~

Alfredo : Mahbuba tighi! (Jidbewsu)

SIPARJU BIL-MOD.

## TIENI ATT.

**XENA:** Gnien bil fjuri. Faccata tidher dar ckejkna. Fil-gebb, jidher il-bieb tal-gnien. Taht is-sigar, f'nofs il-palk, tidher mejda ckejkna u xi siggijiet madwara. Fuq il-mejda jidhru xi kotba, karti, klamar u pinna.

Kif jiftah is-Siparju, tidhol Annina. Din tidher li gejja minn barra, f'rasha ghandha kappell u borza f'idha. Kif tidhol, tibda biex tnehhi l-kappell. ~~Mxxxxxxxxxxxxxxx~~ Min-naha tal-lemin, jidhol Alfredo.

Alfredo: Ili nfittek hafna, Annina; fejn kont? ~~Mnejn gejja, Annina?~~

Annina : Ghadni kemm wasalt minn Parigi, Monsieur. ~~Minn Parigi, Monsieur.~~

Alfredo : U min baghathek hemm?

Annina : Mamselle Valery, Monsieur.

Alfredo : Ghalfejn baghatithek, Annina?

Annina : Biex inbeghela z-zwiemel, il-karrozza, dak kollu li tippossiedi.

Alfredo : U l-gjojjelli? Dawk ukoll bighethom???

Annina : Le! Il-gjojjelli ranithom.

Alfredo : Annina, ghaliex ma urejtnix xkont sejra taghmel?

Annina : Ghaliex gejt ordnata biex ma nurikx, Monsieur.

(Alfredo jibda jippassigga u ma jwiegibx)

Il-hajja fil-kampanja, hija ghalja hafna, Monsieur. Inthom ilkhom ga tliet xhur tghixu f'din id-dar - il-flus spiccaw u ghalhekk Mamselle kellha tara xtaghmel.

Alfredo : Annina, int zbaljajt. Int kien imissek titlobni l-flus li kien hemm bzonn.

Annina : Mamselle ma kienitx thallini.

Alfredo : U x'ghamilt bihom il-flus li ksiebt miz-zwiemel?

Annina : Hallast id-dejn li kellha Mamselle, Monsieur.

Alfredo : Kollox hallast?

Annina : Le!

Alfredo : Kemm baqaghalha taghti?

nnina : 30,000 frank, Monsieur. Id-Duka kiteb fil-gurnali li ma jhallasx dejn li taghmel Mamselle Valery. Meta t-tapezzar mar ghandu biex jithallas, huwa keccieh il-barra. Jiena tajtu xi haga akkont minn dawk il-flus li kont tajtni int. ~~Xi ruh tajba qaltlu li Mamselle m'ghadiex tghix mad-Duka imma li qegheda ma' zaghzugh fqir, bla sold. L-ohrajn li kellhom jiehdu, semghu l-istess haga; huma gew ghal flus, riedu assolutament jithalsu~~. - Mamselle riedet tbiegh kollox - Hija ma xtaqietx titolbok flus u ghalhekk bieghet iz-zwiemel u l-karrozza.

lfredo : Issa qieghed nara l-izball tighi. Jiena kont qed nghix bhal wiehed ibleh - bhal wiehed li ma jahsibx. Il-bniedem ma jistax jghix bl-imhabba biss - Kien genn tighi li qaghadt hawn bla ma hsiebt x'sata' jigri.

nina : Inthom kontu qeghedin tghixu f'holma, Monsieur. Jiena ghedtilha kemm il-darba li ma tistghux tibqghu f'dik il-hajja. Mal-hajja ideali taghkhom, hemm bzonn li jkun hemm hajja ohra - hajja materjali, il-finanzi, Monsieur.

lfredo : Ghandek ragun, Annina.

nina : Jekk Mamselle baqghet fidila lejk, ~~huwa~~, ghaliex fuqha ghandha kontroll kbir. Jiena ftahtilha ghajnejha kemm il-darba - Kienet twigibni li hija thobbok u li xejn ma jgaghalha tikser il-fedeltà taghha lejk - Haga sabieha hafna, haga poetika, imma ghidli ftit, tista' Mamselle, thallas lil-Kredituri taghha b'din il-munita? Le! Jekk hija ma tiksibx is-somma ta' 30,000 frank, hija ma tehlisx minnhom.

lfredo : Annina, din is-somma niehu hsiebha jien.

nina : Behsiebek tissellifha, Monsieur?

lfredo : Iva!

nina : Kienet tkun haga sabieha, imma int... nghali/nghalik... Int sejjer tirvina ruhek.

lfredo : Ghaliex, Annina?

nina : Jekk jisma b'dan il-papà tighek, ikollok xi tghid mighu sgur. Wiehed ma jistax jissellef somma bhal din, f'jum jew tnejn. Isma minni, Monsieur... Jiena n-nisa nafhom aktar minnek - Le, le, taghmlux dal-pass - jekk ma tismax minni, il-quddiem jissobbik.

lfredo : Ghidli x'ghandi naghmel allura.

nina : ~~Dak li nghidlek jien.~~ Hemm bzonn l-int tkun ragonevoli. Jiena m'inhix sejra nghidlek biex thalli ghal kollox lil Mamselle Valery - imma nghidlek biex tghix maghha bhal ma kont qabel - Tigi taraha ftit filaghaxija u xejn aktar.

lfredo : Kif jista' jkun, Annina?

nnina : Jekk tisma minni, id-Duka fi ftit zmien jerga' l-ura - Ihallsilha d-dejn kollu u jtieha mill-gdid erba' jew hamest-elef frank fix-xahar.

lfredo : Possibbli?

nnina : Id-Duka jippossiedi 200,000 frank fis-sena u ghalhekk s-somma li semmejtlek, ghalieh, hija zghira hafna. Isma minnhi, Monsieur, Mamselle tista' tibki ftit ghall-ewwel, imbaghad tinsa. Bhal ma ghedtlek, ~~fil-ghaxija,~~ int tista' tibqa' tigi zzurha - Bil-mod, hija tidra u int tigi tirringrazzjani tal-parir li qegheda ntik il-lum.

lfredo : Ma jistax jkun, Annina - Int ma tafx x'inti tghid. L-imhabba li ghandi ghal Mamselle, ma thallinix naghmel dan. Ghidli kemm baqaghalha taghti.

nnina : Ga ghedtlek, 30,000 frank.

lfredo : Meta trid thallasha din is-somma?

nnina : Qabel xahrejn ohra.

lfredo : Sa dak inhar, il-flus ikunu ghandha. Jiena sejjer Parigi, Annina. Lil Mamselle, m'irridekx turieha b'dak li ghedna bejnietna u jekk ittik xi hag'ohra biex tiranielha, irridek tghidli.

nnina : Minn dan m'ghandekx biza izjed - Mamselle, ma baqaghaliex x'tiraghan aktar.

lfredo : Jekk tistaqsik ghalija, ghidilha li l-lejla nerga' l-ura. Addio, Annina.

nnina : Addio.... (Alfredo johrog)

(Annina, ghal ftit sekondi, tidher qegheda tirranga xi fjuri fuq il-mejda. Tidhol Violetta b'xi karti f'idejha:)

iolетta: Lil Alfredo, rajtu, Annina?

nnina : Iva, ghadu kemm telaq issa ghal Parigi.

iolетta: Qallek kemm se' idum?

nnina : Qaali li ma nzul x-xemx jerga' jkun hawn.

iolетta: Haga kurjuza - X'seta' hadu f'Parigi?

(Jidhol Guseppi b'ittra f'idu)

Guseppi



Guseppi : Mamselle, ghadha kemm waslet din l-ittra.

Violetta: (Tiehu l-ittra:) Grazzi, Guseppi. Tista' tmur.. ~~Bilhaqq riedt nghidlek, li minn hawn u ftit iehor, ghandu jigi isaqsi ghalija, sinjur. Kif jasal dahhlu quddiemi.~~

Guseppi : Tajjeb wisq, Mamselle. (Isellem u johrog)

Violetta: (Wara li taqra l-ittra:) Sabitni fl-ahhar, Flora.

Annina : Possibbli?

Violetta: Iva! Il-lejla ghandha ballu - Baghtet tistedinni.

Annina : U x'sjera taghmel? Behsiebek tmur?

Violetta: Jiddispjacini... Flora ikollha tistennieni ghal xejn.

(Titlaq l-ittra fuq il-mejda u toqoghod bilqegheda. Jidhol mill gdid Guseppi)

Guseppi : Mamselle, hawn ~~dak is-~~ sinjur, biex ikellmek ~~wasal~~.

Violetta: Ghidlu jghaddi, ghidlu jghaddi, Guseppi. (Johrog)

Annina : Jekk tkun tridni, sejjahli, Mamselle.

Violetta: Mur, mur, Annina.

(Annina tohrog. Guseppi jerga' jidhol ma' M. Germont. Ilestilu siggu, isellem u johrog.)

Germont : Mamselle Valery?

Violetta: Biex inservik. X'ghandek bzonn, Monsieur?

Germont : Jien huwa l-papà ta' Alfredo.

Violetta: (Tqum bis-salt, sorpriza) Int! (Taghmillu sinjal biex joqoghod bilqegheda)

Germont : Iva, Mamselle. Dak iz-zazugh li qed jirvina ruhu warajk, huwa ibni. (Joqoghod bilqegheda)

Violetta: (Offisa:) Monsieur, f'dari nitolbok tistmaghni ta' mara li jien, jekk le, ~~jiena~~ nitlaq il-gewwa.

Germont : (Ftit moderat) Ahfirli, Mamselle.

Violetta: Minn kliemek tidher li m'inthix infurmat tajjeb fuqi. (Toqoghod bilqegheda)

Germont : Mamselle, lilek, jiena ma nafekx - Naf biss li ibni qieghed iberbaq gidu warajk.

Violetta: Monsieur, ghalija dan huwa nsult - Il-kapricci tighi, lesta biex inhallas ghalihom jien.

Germont : (Waqt li jhares madwaru, l-aktar lejn id-dar li tidher faccata:)

Mamselle, warajk, ibni qieghed iberbaq flusu u ma jistax ikun li le, ~~daqs dan lussu~~.

Violetta: Ghal hafna nies, dan il-lussu jidher misteru; lilek, bhala l-papà ta' Alfredo, lesta biex infissirlek kollox. (Tnewwillu l-karti) Hu f'idejk dawn il-karti u aqra.

Germont : (Sorpriz, wara li jaqra bicca minnhom:) Kif jista' jkun Mamselle? Possibbli li qed tbiegh dak kollu li tippossiedi? Skond ma qaluli fuq l-imghoddi tighek, dan, jien ma nemmnu qatt.

Violetta: L-imghoddi, ghadda u mar, Monsieur. Il-lum, jiena nhobb lil Alfredo - ghal din l-imhabba, Alla l-imbierek hafirli l-imghoddi tighi.

Germont : Kliemek, Mamselle juri sentimenti sbieh hafna.

Violetta: Grazzi... Li inti tifhimni, ghalija hija konsolazzjoni.

Germont : Mamselle, jiena gejt hawn biex nitlob minnek sagrificcju. X'imdaqqiet fil-hajja wiehed jiltaqa' ma' bzonn - bzonn kiefer - bzonn li jolqot il-qalb; b'dan kollu, wiehed ikollu ihaddan mighu dan il-bzonn u jsofri l-konsekwenzi. Ghalkemm jiena ma nafhekx bizzejjed, int tidher imzejna b'qalb twajba - b'qalb nobbli li x'aktarx ma ssibx ~~f'dawk ix-xbejbiet li forsi jiddisprezzawk~~. Jiena irridek tiftakar, li l-bniedem, barra l-imhabba, ghandu wkoll id-dmir lejn il-familja tighu. Ibni m'hux sinjur, b'dan kollu, huwa lest biex jissagrifika ghalik il-wirt ckejken li hallietlu l-mamà tighu.

Violetta: Kompli, Monsieur.

Germont : Jekk ibni jintebah bis-sagrificci l-int qegheda taghmel biex izzomm din id-dar, l-irgulija u d-dinjità tighu, titlob minnu, il-wirt li semmejtlek. Jekk Alfredo jaghmel dan, dawk li jafuh iharrsu lejh bl-ikreh, ismu ma jibqax aktar safi f'ghajnejhom u l-familja jkollha ssofri l-konsekwenzi. In-nies ma jghidux l-inthom tinhabbu; jghidu haga wahda, li ibni qieghed ma' mara mix-xorta tighek. Ahfirli, binthi, jekk ikolli nitkellem mighek b'dan il-mod, jghidu li ibni halla mara tbiegh hwejjigha ghalieh. Il-jum li fieh wiehed iwiegeb ghall-imghoddi jasal. X'taghmel int imbaghad, Mamselle? Dak inhar, iz-zoghozija tkun taret minn fuqhek - Il-gejjieni ta' ibni, jkun mitluf, u jien, missieru, ikolli nsofri ~~l-konsekwenzi~~.

(Violetta tidher b'rasha baxxuta, tibki)

: Binthi, ~~jiena~~ ghadni m'ghedtlekx kollox. Jiena ghandi tifla li thobb bhalek. Bhalek hija qed tghix ghal din l-imhabba. Lil Alfredo, jiena urejtu b'kollox, imma dan, mitluf warajk, anqas biss thajjar iwiegibni. Binthi waslet biex tizzewweg ma' zaghzugh nobbli. Il-familja tighu semghet bil-hajja li Alfredo qieghed jghaddi f'Parigi - Missier l-gharus qalli li jekk Alfredo ma jbiddilx hajtu, huwa lest biex jhassar dan iz-zwieg. Il-gejjieni ta' binthi, jinsab f'idejk, Mamselle. Binthi, lilek, ma ghamliltlek qatt xejn - Hija qegheda thares lejk bid-dmugh f'ghajnejha, tistenna t-twigiba tighek. Nitolbok, Mamselle, nitolbok..... L-hena ta' binthi, ghalija, hija l-istess hajja.

Violetta: Ghidli, Monsieur, temmen int, li jien inhobbu lill-ibnek?

Germont : Iva... iva nemmen, Mamselle.

Violetta: U temmen li nhobbu b'imhabba safja?

Germont : Iva!...

Violetta: Monsieur, fl-imhabba li ghandi ghal Alfredo, jiena nara il-mahfra ta' l-imghoddi tighi. Taf xejn li f'din l-imhabba, jiena nara wkoll l-hena tighi?

Germont : Ikollok hniena.... Tichadx it-talba ta' missier imnikket.

Violetta: Ghalkemm dil-firda, lili, sejra toqtolni, b'dan kollu, lilek m' irridx narak issofri. Jiena lesta biex ghal ftit taz-zmien, ninfired minn Alfredo.

Germont : (Kommoss:) Mamselle, jiena nitlob minnek sagrificcju akbar.

Violetta: Alla tighi!.... X'nista' naghmel ghalik, aktar minn hekk? Li ninfired minn Alfredo ghal jum wiehed biss, ga huwa wisq ghalija.

Germont : L-hena ta' binthi, titlob izjed minnhek, ~~Mamselle~~.

Violetta: ~~Forsi~~ Allura tridni ninfired minnu ghal dejjem???

Germont : Hemm bzonn, ~~Mamselle~~, hemm bzonn l'isir hekk.

Violetta: Ma jistax jkun... Le! Int ma tafx x'inti tghid... Int ma tafx x'jiena nhoss bhall-issa... Int ma tafx bl-imhabba li hemm bejnietna... Iltima mill-genituri, il-boghod mill-hbieb tighi, Alfredo halifli Imhabba u fedeltà. Huwa qalli li fl-imhabba tighu, jiena nsib is-sabar u l-konsolazzjoni. Int ma tafx li jiena ninsab milquta minn marda kiefra... Ma tafx li l-mewt ga qed thares lejja... ~~XXEMXX~~ Ikun ahjar ghalija li mmut, milli ninfired ghal jum wiehed biss minn Alfredo tighi.......

Germont : ....Is-Sagrificcju li qed nitlob minnek huwa kbir hafna Bi ftit hila, b'rieda qawwija, inti tegheleb u tirbah l-imhabba li ghandek ghall-ibni. Int ghadek zaghzugha, l-imhabba li jien sejjer nisraqlek, int tista' issiba f'qalb ohra.

Violetta: (Imbikkija) Le! Tghidlix hekk... Tahsbux dan fija.... Jiena ma nista' qatt inhobb lill hattiehor.

Germont : Il-Bniedem huwa volubbli hafna, Mamselle; biz-zmien inti tinsa.

Violetta: Alla tal-Hniena....

Germont : Meta z-zoghzija ttir minn fuqhek... Meta s-sbuhija titbieghed minnek, int tibda tahseb ~~xxxxxx~~ xort'ohra - Int tiftakar f'dak li qieghed nitolbok il-lum.

Violetta: Jiena naf li qieghed titkellem sewwa, imma.....

Germont : Ghidli, ghidli, Mamselle li lesta tilqa' t-talba tighi... Ghidli li trid tehles lill-uliedi mill-ghib.... Violetta!... qieghed nitolbok.... Dan is-sagrificcju int ghadek tista' taghmlu... Ikollok hniena... ~~Il-kliem li hiereg minn fommi, bhall-issa, huwa ispirat minn Alla.~~ Violetta, dan is-sagrificcju, il-kuddiem, ghalik, ikun konsolazzjoni - Il-Mahfra ta' l-imghoddi.

Violetta: Il-M ahfra!!! Ghal dak l-imsejken li xi darba zbalja, ftit hemm tama li jara d-dinja tahfirlu. Ukoll jekk Alla jahfer, il-bniedem jibqa' b'qalbu iebsa u jichad il-hniena. Lil binthek, nitolbok tghidilha, li wahda xbejjba sventurata, ghalieha, sejra ccahhad lilha nfisha mill-unika haga li baqaghalha fid-dinja, l-Imhabba. Ghidlilha, li ghalieha, jien sejra nersaq f'xifer il-qabar... Iva! Il-firda tighi minn Alfredo, tfisser tmiem il-hajja. .... (Tinfexx tibki)

Germont : F'dan il-biki, ~~qieghed~~ nara kemm hu kbir is-sagrificcju tighek. Jien ukoll qieghed insofri mhabba fik... Kuragg, Violetta, kuragg... Il-qalb nobbli tighek, iggaghalek tinsa u taghmlek hinja millgdid.

Violetta: (Dejjem imbikkija:) Ghidli x'ghandi naghmel, Monsieur, jiena lesta biex nobdik.

Germont : Ghidlu, l-int ma thobbux, li ma tridx taf bieh izjed.

Violetta: Jekk nghidlu hekk, ma jemminnix.

Germont : Jekk ma jemmnekx, mur ghix il-boghod minnu.

Violetta: Alfredo jigi warajja - jibqa ifittxni sakemm isibni.

Germont : Jekk jigi warajk......

Violetta Tajjeb!... Ftit iehor. Alfredo ikun tighek għal ġdid... Nitolbok li taghder id-dwejjaq tighu... Meta lili ma jaranix qalbu s-sofri...

Germont Xbejba generusa!... Kif sejjer inpattilek dak li sejra taghmel mighi?

Violetta Ftit iehor, int forsi tisma bil-mewt tighi... Minn qalbi nitolbok li ma thallix lil Alfredo jishet il-memorja tighi.. Ghall-inqas urieh dak li jien sofrejt ghalieh.

Germont Ghaliex qegheda titkellem hekk, Violetta? Int m'inthix sejra tmut... Int hemm bzonn li tghix biex tigi ppremjata ghal dak li ghamilt ghal familja Germont... Is-Sagrificcju tighek, f'ghajnejn is-Sema, jidher haga nobbli.

Violetta Weghedni... weghedni li turieh bis-sagrificcju li ghamilt ghall-imhabba... Qalbi qatt ma tista' issib imhabba ohra...

Germont (Waqt li jbusila ida) Xbejba qalbiena... jiena ma ninsik qatt.... Nirringrazzjak, Violetta... nirringrazzjak minn qalbi.

Violetta (Tqum) Il-lum forsi l-ahhar darba li qegheda narak... Addio!....

Germont (Jghannaqa mighu) Addio!... Alla ibierkek u jzommhok hinja.

X (Germont johrog mill-bieb tal-gnien) X

Violetta (Waqt li tersaq biex toqoghod bilqegheda ) Alla tighi!... Ghini int!....

( Wara li toqoghod bilqegheda, tibda tikteb. X Wara pawsa iccempel qampiena u tidhol Annina) X

Annina X'ghandhek bzonn, Mamselle?

Violetta Irridhek twassalli din l-ittra.

Annina Ittra?

Violetta Iva, mur bieha malajr u tghid lil hadd fejn sejra.

(Annina thares lejn l-indirizz u sorpriza tohrog il-barra. Violetta tidher tibki, terga' tikteb ittra ohra,u talaqgha. ~~u titlaqa! fuq-il-mejda.~~)

(Jidhol Alfredo)

Alfredo : X'int taghmel, Violetta?

Violetta: (Tahbi l-ittra:) Xejn, xejn, Alfredo.

Alfredo : Int kont qegheda tikteb.

Violetta: (Konfusa:) Iva!... Le... Le.....

Alfredo : Ghaliex qegheda tibza? Lil min kont qegheda tikteb?

Violetta: Lilek, Alfredo.

Alfredo : Tini l-ittra, Violetta.

Violetta: Le, Mahbub tighi... m'hux ghall-issa.

Alfredo : Ahfirli, Violetta.... Bhall-issa ~~jiena~~ ninsab inkwietat hafna.

Violetta: Fuqhiex, Alfredo?

Alfredo : Ghadni kemm hadt bi hbar il-papà, Violetta.

Violetta: Rajtu???

Alfredo : Le! Kitibli ittra kerha hafna - Huwa ghandu jigi ifittixna.

Violetta: (Agitata) Thalliehx jigi fuqna ghallgharrieda, Alfredo. Bi kliemek, int tista' tikkalmah - (Tibki) Meta jahfirlek, jiena mmur ninxtehet f'riglejh, nitolbu jhallina nghixu flimkien. Huwa ma jkollux qalb jifridna u la darba inti thobbni, flimkien, ahna nghixu hinja - M'hux tassew, Alfredo?

Alfredo : Tiddubita mill-imhabba tighi? Ghaliex qegheda tibki, mahbuba tighi?

Violetta: Ftit ilu, meta kont wahdi, hassejt qalbi sejra tinqasam, imma issa, l-int hdejja mill-gdid, inhossni kalma, arani... issa qegheda nithaq... (Waqt li thares lejn il-gnien) Hemm, qalb dawk il-fjuri, inhossni ferhana... Weghedni, Alfredo, weghedni li thobbni bhal ma nhobbok jien.

Alfredo : Inweghedek, ghaziza tighi.

Violetta: Se' immur fil-gnien... Inkun nistenniek taht dik is-sigra, Alfredo... Addio!... (Tohrog tigri fil-gnien. Alfredo isegwieha b'ghajnejh, icaqlaq rasu u jissospira l-imhabba taghha

Alfredo:- Pawsa Oh, Violetta inti 'l hajja tighi (Pawsa wara dina il frazi)

(Alfredo jintelaq bilqegheda u wara pawsa, jidhol Guzeppi, b'nifsu maqtugh, mill-gnien)

Guzeppi : Monsieur!... Monsieur!... Mamselle telqet... Marret bil-karrozza.

(Alfredo sorpriz, ihares lejn il-gnien u ma jwiegibx. Guzeppi waqt li jersaq aktar lejh, bhal wiehed imbazza':)

Monsieur, Annina telqet ukoll ftit ilu.

Alfredo : (Bhal miblugh:) Naf, naf, Guzeppi.

Guzeppi : (Waqt li johrog, skantat:) X'ifisser dan kollu?

(Millfond tal-gnien, jidher ghaddej M. Germont. Jidhol Messaggier:)

GUZEPPI. Messaggier: (Minn fuq il-bieb tal-gnien:) M. Germont? !!!

Alfredo : Jien hu, x'ghandek bzonn?

GUZEPPI. Messaggier: Monsieur, wahda zaghzugha Mamselle Valery, talbitni nwassallek din l-ittra.

(Itieh l-ittra. Alfredo itieh xi flus u il-Messaggier johrog)

Alfredo : Gizzi (Jiftah l-ittra, sorpriz:) Minn ghand Violetta! (Pawsa twila) X Imma ghaliex qieghed nagita ruhi daqshekk? (Jaqra:)

"Alfredo, meta taqra din l-ittra...."

(Jghatti wiccu b'idejh u jghajjat:)

Violetta!... Violetta!....

(Jidhol Germont. Alfredo jintxbat bieh, jigri lejh, jintelaq f'dirghajh jibki, u:)

Papà!... Sabbarni int.....

Germont : Ibni!....Tibkix, nitolbok... Int qieghed issofri... Imxi mighi u insa dak li sofrejt f'din id-dar. F'dari, int issib is-sabar u l-konsolazzjoni.

(Alfredo jintelaq bilqegheda u jitfa' rasu bejn idejh)

Ghidli, Alfredo, xfettillek titbieghed minn Provenza? F'dari, int, ma kien jonqsok xejn - int kont hieni - kont imdawwar b'dak kollu li tixtieq qalbek. Alfredo, meta int tlaqt mid-dar, jiena sofrejt hafna - bkejt biki tad-demm - imkien ma stajt insib sabar izjed - jiena kont nohlom bik kull-lejla - issa li rgajt rajtek, jiena xxxxxxxxx nahfirlek

u nistiednek terga' l-ura mighi.

(Jghanqu mighu. Alfredo jibqa' ndifferenti.)

Ebda sinjal ta' hniena ghal papà tighek, ibni?

Alfredo: Mur, hallini wahdi, nitolbok.

Germont: Kif Immur!.. u Inhallik!

Alfredo: Iva! Jiena gejt insultat u ghal dan l-insult, irrid nithallas.

Germont: Le, ibni... isma minni... imxi mighi.

Alfredo: Douphol huwa l-htija ta' kull ma grali - Hemm bzonn li nithallas.

Germont: Hares lejja, ibni... Ismaghni nitolbok... Ikollok hniena, tahqarx izjed lil missierek.

Alfredo: Jiena mighek ma nigix... mur u hallini.

Germont: Ghalxejn mela gejt infittxek? Ghalxejn grejt warajk? Ibni, jiena m'inhix sejjer nirrimproverak - flimkien, ahna nghixu hinja mill gdid. Alfredo, l-imhabba li ghandi ghalik, iggaghalni ninsa u nahfer - Dari qegheda tistenniek, il-prezenza tighek hija mistennija b'herqa kbira... Alfredo bid-dmugh f'ghajnejja nitolbok, tichadlix din l-hena...(See letter) Ohtok ukoll qegheda tistenniek - Hija tissospira biss dak il-waqt l-inti terga' tigi tghix maghna.

Alfredo: (Jintebah bl-ittra li Violetta halliet fuq il-mejda. Jaqraha u b'lehen gholi:)

Mara vili... Hallietni biex tmur tixxala... Ta' dan l-insult, nahlef li nithallas ... Iva nithallas....

(Johrog jigri bhal mignun lejn il-Gnien. Germont, imbazza' u konfus, jigri warajh u b'lehen imbikki:)

Germont: Alfredo!... Alfredo!....

SIPARJU MALAJR.

Joyce
+
Joe. Christ

Ireland
McRae
Victor
Evarist

Danza

Flora / Jenkins
Sofa

Toul

## TIELET ATT.

**XENA:** (Sala rikka fil-palazz ta' Flora, rmat b'ghamara mill-ahjar. Faccata, bieb u tnejn ohra fil-gnub. Fuq il-lemin, ftit il-quddiem, mejda, b'xi karti tal-loghob fuqha. Fuq ix-xellug, mejda zghira b'vazett bil fjuri, platti bil-helu u xi flixken tax-xorb. Mas-sala jidhru imxerrdin xi siggijiet u divan.

Meta jiftah is-Siparju, Flora u l-Markis jidhru bilqegheda fuq id-divan. Xi mistidnin jidhru jidhaddtu tnejn, tnejn, min bilqegheda u min wieqaf. Jidhol it-tabib, waqt li s-seftur ihabbar il-wasla tighu:)

Seftur : Dr. Grenvil!

Flora : (Tqum u tersaq il-quddiem:) Ghaddi, ghaddi, tabib. Il-maskarati l-lejla behsiebhom jaghmlu taghhom.

Tabib : Flora, inti dejjem tohloq xi divertiment gdid. Meta nigi ghandek, ma jkollix dubju li ma niddevertix.

Flora : (Waqt li jaslu lejn id-divan, il-Markis iqum u isellem)

Oqoghod komodu, Tabib. (Is-seftur jidhol u jnewwel xi helu lit-tabib)

Tabib : Grazzi! Il-Viskonti nahseb li ma jdumx ma jasal.

Markis : (Lil Flora:) Hu biss ghadu ma giex?

Flora : Le, jonqos ukoll Violetta u Alfredo.

Markis : Possibbli li ghadek ma smajtx, Flora?

Flora : X'igifieri, Sur Markis?

Markis : Violetta u Alfredo m'ghadhomx izjed flimkien.

Flora : Kif jista' jkun???

Markis : Issa tara bighajnejk. Violetta, il-lejla ma tigix ma' Alfredo bhas-soltu, imma mal-Baruni Douphol.

Tabib : Sewwa qieghed tghid, Sur Markis. Ilbierah rajthom flimkien - Milli tidher, Violetta ma tantx iddispjacieha ghal Alfredo, rajtha ferhana, qisha m'hix hi.

(Minn fuq il-lemin jinstemghu passi hfief.)

Flora : Isktu kwieti, iz-zingari waslu.

Mistidnin: (Waqt li jittawelu) Iva, iva, gejjin iz-zingari.

( Min fuq il-lemin jidhlu xi xbejbiet libsin ta' Zingari. Il-mistidnin iduru mal-gnub tas-sala.

L-Orkestra d-doqq id-danza. Iz-Zingari jisfnu. ~~Xxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxx~~ u jkantaw.)

Zingari: " Ahna Zingarelli,
Ilkoll mill-boghod gejjin;
Inharrsu lejn idejkhom
Naqrawlkhom l-avvenir.
Nikkonsultaw l-Istilel
F'ghajnejna kollox car
Il-lum u dak li ghadda
Fis ahna nghidu x'sar
Ukoll dak li jrid jigi
Setaghna li nuruh;
Ersqu lejna mela,
Biex dan tkunu tafuh.

Zingara No.1. Naraw ix-xorti tighek, Madame. (Tiehu id Flora u tosservaha tajjeb:)

Int ghandek min joboghodok, Madame.

Zingara No.2. (Waqt li tosserva id l-Markiz) Sur Markis, jiddispjacini nghidlek... Qalbek m'hix sinciera fl-ihabba.

Markis : Xi tghid int, Madame? (Lil Flora) Tahseb li din l-akkuza hija realtà?

Flora : Eh! Il-Lupu jbiddel il-pil imma qatt il-vizzju, Sur Markis.

Zingara No.1. Ma nixtieqx li l-presenza taghna tnissel x'inkwiet bejnietkhom. Dak li sar fl-imghoddi huwa haga li ghandna ninsewh - Inthom ghandkhom tahsbu biss fil hena li l-gejjieni ghandu merfugh ghalikhom.

Flora : Sewwa qegheda tghid. (Lil Markis) Tini idek hawn, b'sinjal ta' hbiberija, Sur Markis.

(Jiehdu b'idejn xulxin)

(Iz-Zingari ~~jitfexxu mal~~-kamra) johorgu mill-

Mrs Penny attention

( Minn fuq il-lemin jidhlu xi xbejbiet libsin ta' Zingari. Il-mistidnin iduru mal-gnub tas-sala.
L-Orkestra d-doqq id-danza - Iz-Zingari jisfnu. Wara z-zifna, il-mistidnin japplawdu liz-zingari. Dawn ta' l-ahhar jirtiraw u l-mistidnin jergghu ghal qaghada ta' qabel, igifieri, min jithaddet, min jilaghab, ecc.)

After : Alfredo Giorgio

( Jidhol Alfredo)

Markis: (Jigri lejh) Alfredo!

Alfredo: Hawn, hawn jien, maghkhom mill gdid.

Flora : Fejnha Violetta?

Alfredo: Jiddispjacini... Ma nafx hix gejja.

Tabib : (Bid-dahqa) Milli tidher, Violetta, ma tantx ghadha tinteressak. Bravu, bravu, Alfredo. Il-libertà, m'hemmx isbah minnha.

(Alfredo jidbissem u ma jwiegibx)

Gaston : (Waqt li jkun bilqegheda mal-mejda, ihawwad il-karti tal-loghob:)

Ersqu hbieb, ersqu l-hawn - il-karti qed jistennewna.

After : Baron Duphol & Mamselle ~~Violetta~~ Valery

(Jidhlu Violetta u Douphol. Flora tigri lejha)

Flora : Violetta, kemm ilhi nistenniek. Hsibthek m'inthix gejja.

Violetta: L-invit tighek, jiena nistmah hafna u ghalhekk dan ma kellekx tahsbu.

Flora : Nirringrazzjak, ~~Sur Baruni~~ li ghogbok tonorana bil-prezenza tighek.

Baruni : Grazzi, Flora, grazzi. (Idur fuq Violetta u b'lehen baxx) Germont hawn qieghed, rajtu?

Violetta: ~~Alla tighi~~!... Iva, qegheda narah.

Baruni : Qis li ma tkellmux - Qisek ma tafhux.

~~Violetta: (Aktarx llha nfisha) Sinjur, ghini int...~~

Flora : ~~Poggi bilqegheda~~ allura, Violetta. Ghandna xi ahbar gdida?

( Violetta toqoghod bilqegheda fuq id-divan, hdejn Flora. It-tabib jersaq lejhom. Il-Markis jidher qed jithaddet mal-Baruni.

( Gaston jifrex il-karti wiċċhom l-isfel fuq il-mejda waqt li Alfredo u oħrajn jidħru ipoġġu xi flus l'ikunu qegħedin jilagħbu. Xi mistednin jidħru wkoll mis-sala.)

Alfredo : (Waqt li jkxef mazz karti milli hemm fuq il-mejda;)

Erba' Dinari!

Gaston : (Waqt li jikxef mazz ieħor) Irġajt irbaħtli, Alfredo,

Alfredo : (Bid-daħqa:) Sfortuna fl-imħabba tfisser Fortuna fil-logħob. ħabib tigħi.

Gaston : Fil-logħob. int xortik tajba sgur - kull fejn narak tilagħab, dejjem int irrebbieħ.

Alfredo : (Waqt li jerġa' iqiegħed xi flus fuq il-mejda) Ħbieb, il-lejla ħatt minkhom m'hu sejjer jirbaħli - Qabel ġejt, ix-xorti qaltli li sejra tissieħeb miegħi... Ha... ha... ha.... Il-flus li sejjer nirbħilkhom, beħsiebni nonfoqhom bħal qabel - Iva! Hemm fil-kampanja, qalb il-fjuri u l-ħdura, jiena ngħix fil-hena u fis-sospir ta' l-imħabba.

Flora : Waħdek, Alfredo?

Alfredo : (1) Le! Ma xi ħatt li jixbah lil dik li kelli miegħi ftit ilu u ħallietni.

~~Violetta: (Waqt li tgħatti wiċċa b'idejha, lilha nfisha:)~~

~~Alla tigħi!....~~

Gaston : (4) (Waqt li jindikalu lil Violetta, b'leħen ftit baxx:)

~~Ikollok ħniena~~ M'hux ħekk, Alfredo.

Baruni : (2) (Inkurlat:) MwGermont!

Violetta: (3) (Imbazza b'leħen baxx) Ħallieh... Jekk tkellmu, inħallik waħdek - immur lejn id-dar.

Alfredo : (Ironiku:) Kellimtni, Sur Baruni?

Baruni : Billi qed nara x-xorti li għandek fil-logħob, tħajjart nilagħab logħoba miegħek - Xi tgħidli. Monsieur?

Alfredo : Nieħu gost nilagħab miegħek, Sur Baruni - L-isfida tiegħek nilqagħha bil-qalb.

Violetta: (Lil Flora:) X'sejjer jiġri, Flora? Bil-biża nħossni sejra immut... ~~Alla tigħi~~... ~~ikollok ħniena~~.

Flora : Tibzax, tibzax, Violetta.

Baruni : (Waqt li iqiegħed xi flus fuq il-mejda:) L-ewwel logħoba nagħmluha ta' 4,000 frank.

Alfredo : (Waqt li jqiegħed flus ħdejn dawk tal-Baruni:) Tajjeb, Sur Baruni - nilagħabu kemm trid u kemm jogħġbok.

(Gaston jidher qiegħed jirranġa l-mazzi fuq il-mejda:)

lfredo : (Wagt li jikxef mazz:) Sebgha Dinari!

runi : (Jikxef ukoll il-mazz tighu:) Erbgha Dinari!

ston : Irġajt irbaht, Alfredo.

lfredo : Iva! Ir-rebha tighi... Ghedtilkhom jien li l-lejla x-xorti ssiehbet mighi.

sti-dnin. : Bravu, bravu, Alfredo.

lora : Ix-xalata fil-kampanja sejjer ihallas ghalieha s-sur Baruni, Ha... ha... ha.....

lfredo : (B'dahqa ironika:) Inkomplu, Sur Baruni?

(Jidhol il-Kamrier)

mrier : 1. Sinjuri, iċ-ċena qegheda ~~tistenniekhom.~~ lesta

lora : 3. Immorru, immorru ~~nieklu~~.

sti-dnin : ~~Iva, nieklu u nikorbu.~~

lfredo : 2. X'sejjer tghid, Sur Baruni, inkomplu?

runi : 4 Ahjar le. Flora ffjakkat u ghalhekk jehtieg naghmlulha kumpanija. Tibzax, M. Germont, jiena ma ndumx ma naghmillek sfida ohra.

lfredo : (Wagt li jqum u jidbaxxa quddiemu) Jiena dejjem lest sur Baruni - Pront biex nilqa' kull sfida li jghoġbok taghmilli.

(Il-persunaġġi johorġu kollha mill-bieb tal-faċċata. Ghal ftit sekondi il-palk jibqa' vojt.)

(Tidhol Violetta b'nifisha maqtugh - Tistrieh ma' pultruna)

(Jidhol Alfredo)

Sejjahtli, Mamselle???

ioletta: Iva!.... Xtaqt inkellmek.....

lfredo : (Zorr) Ghidli xi trid... malajr ~~u d-dumx~~.

ioletta: Alfredo.... Nitolbok thalli din id-dar minnufieh.

lfredo : (Jersaq iżjed qrib u jhares fiss lejha:) X'ghedtli???

ioletta: Ahrab minn hawn... mur iddumx, nitolbok... Int qieghed f'periklu kbir.

lfredo : Nahrab!... Taf x'inti tghid? Tahseb li jiena beżżieh daqshekk?

ioletta: Isma minni, Alfredo... Nitolbok... Ahseb ftit fik in-nifsek.

lfredo : ~~Nahseb fija~~! Ghidli xi trid tfisser b'dan.

Violetta: Il-qilla tal-Baruni, tbeżżagħani, Alfredo....

Alfredo : U xi tgħid għal qilla tiegħi, Violetta? Bejni u bejn il-Baruni hemm kwistjoni tal-biża... kwistjoni tal-mewt. Iva, jekk jien jirnexxili noqtlu, ~~jien~~ inkun sraqtlek lil-maħbub tiegħek. Int ġa qegħeda tara li r-rebħa se tkun tiegħi u għalhekk qed tittanta tbeżża' lili.

Violetta: Il-biża tiegħi huwa dak li nara lilek tellief, Alfredo... (Imbikkija) X'isir minni jekk isir dan?

Alfredo : X'isir minnek? U xi tfisser ħajti għalik, Violetta?

Violetta: Taħqarnix bi kliemek, Alfredo... Ikollok hniena, tbiegħed minn hawn - bil-ħniena qegħeda nitolbok.

Alfredo : Iva nitbiegħed, imma qabel, trid taħlifli li tiġi warajja.

Violetta: (Fgata bil-biki) Ma jistax ikun... Ma nistax nagħmlu dan....

Alfredo : Ma tistax!... U għaliex... għidli għaliex....

Violetta: Mur Alfredo... mur u insa li darba kont tafni... Qalbi, f'għajnejk ma għadiex tidher aktar safja... Ismi qiegħed jiġi imżebblaħ... Tbiegħed minni..... Mur..... Dak li trid minni ma jistax isehh.... Jiena ħlieft li naħrab minnek.

Alfredo : U lil min ħlieft??? Min ġagħalek tâtbiegħed minni???

Vioetta : Wieħed li kellu d-dritt li jagħmel dan.

Alfredo : Igifieri l-Baruni Douphol, hux tassew?

Violetta: (Tbaxxi rasha, bi sfors:) Iva.... iva.....

Alfredo : U int obdejtu... insejtni... lili, li ħliftli mħabba eterna... Biex smajt minnu, int bilfors tħobbu.

Violetta: (Imbikkija b'rasha baxxuta:) Iva... iva, jiena ~~XXX~~ inħobbu.

Alfredo : Mara vili!... Jien nitħallas minnek.

(Jitlaq jiġri fuq il-bieb tal-faċċata u b'leħen għoli:)

Ħbieb, ersqu l-hawn.... Irrid ngħidilkhom xi ħaġa nteressanti.

(Il-mistidnin jidħlu malajr)

Flora : X'għandek xi tgħidilna, Alfredo?

Alfredo : Irrid ngħidilkhom xi ħaġa li nthom ma tafhux biha.

Markis : Tkellem, Alfredo, qegħedin nisimgħuk.

Alfredo : (Jindika lil Violetta li bħall-issa tidher imbazza', mistrieħa mal-mejda.)

Tafuha ~~inthom~~ lil din il-mara?

Ilkoll : ~~Lil min?~~ Lil Violetta?

Alfredo : (B'disprezz) Iva, lil Violetta. Tafu xejn minn hi? Tafu xejn x'għamlitli???

Violetta (Mitlufa) Bizzejjed Alfredo... ikollok hniena...

Alfredo Le!... Jien irrid nghid kollox... Lil hbieb irrid nurihom minn int... Ghall imhabba tighi, din il-mara tajret kemm il-sold kellha u jien, ta ibleh li kont, accettajt dak kollu li minghalija kienet qegheda toffrili minn qalba... Issa, ~~isa~~ li ghadni fil-hin, irrid innehhi t-tebgha li bieha tebbaghtli ismi... Quddiemkhom, b'xhieda tighi nroddilha l-ura dawk il-flus li nefqet mighi....

(Bhal wiehed mitluf, jitfa' f'riglejn Violetta borza flus. Violetta ghal dan l-insult ihossha hazin u tintelaq mitlufa minn sensieha f'dirghajn Flora u t-tabib.)

(Mill-faccata jidhol M. Germont)

Markis Ghaliex qieghed tiddisprezza xbejba li kienet thobbok? Int qieghed toffendi mara li jisthoqqilha kull-hniena...

Germont (Gravi) Min ghandu l-hila joffendi mara quddiem is-Società? Dan ikun jisthoqqlu kull-disprezz... Fejn hu ibni, Alfredo?

Alfredo (B'rasu baxxuta) X'ghamilt b'idejja!....

Germont Jienn biss nista' nahlef ghal din il-mara... Il-virtujiet sbieh taghha, ftit issibhom f'nisa ohra... Jiena nista' nghidilkhom li Violetta, lill-ibni, thobbu b'imhabba safja u sinciera... Jiena nisgurakhom li qatt ma kisret lejh il-fedeltà taghha....

(Ibaxxi rasu, kommoss)

Ic-cirkostanzi, ma jhallunix nkompli... Ikolli nihqa' sieket.

Alfredo Issa qieghed nara l-izball tighi... L-ghira tilfitni minn sensija... L-imhabba li ghandi ghalieha, ghamlitni mignun... Ghal li ghamilt, m'hemmx mahfra ghalija... Jiena riedt nahraba... ma stajtx naghmlu dan... Gejt hawn u kif rajtha ma' haddiehor, ntlieft u tajt svog ghal ghadab tighi... Ahfruli... Ahfruli!..... (Jinfexx jibki)

Baruni (Lill-Alfredo) Bl-insult li ghamilt lil Mamselle, int offendejt s-sentimenti taghna... Ghal dan l-agir baxx tighek, hemm bzonn li ttina sodisfazzjon. (Jixhetlu f'riglejh l-ingwanti)

Flora (Lil Violetta) Kuragg, Violetta... ghamel kuragg.

Violetta (Tistejqen) Alfredo, Alfredo.... Int ma tafx kemm kont inhobbok... Ghalik jien dbieghed minnek... abbandunajt il-protezzjoni tighek... Cahhadt lili n-nifsi minn dik l-imhabba li fija kienet qed tkebbes il-hajja...

Alfredo/ .....

: Alfredo, jasal iż-żmien, meta inti tagharaf l-imhabba li bieha kienet thobbok Violetta. It-tifkiriet ta' l-imghoddi ifeġġu quddiemek, isewdulek qalbek - ibikkuk .... Iva, jiena nitlob l-Alla li dawn it-tifkiriet ma jiġux quddiemek... Jiena nibqa' inhobbok.... ukoll wara mewti..... Fil-qabar tighi, jiena nkun qed nissospira dawk is-sieghat hinjin li ghaddejna flimkien.......

(Attenti)

(<u>Tinfexx tibki kemm tiflah</u>)

(Germont jaqbad lil Alfredo minn drieghu u jiġbdu mighu l-barra. Il-Baruni, inkurlat, johroġ warajhom. Violetta, mghejjuna minn Flora u t-Tabib, tidhol bil-qajla, fil-kamra ta' fuq il-lemin. Waqt li s-Siparju qed jinghalaq, il-mistidnin jidhru hergin missala.)

<u>SIPARJU BIL-MOD</u>.

RABA' ATT.

Xena:

(Il-kamra tas-sodda ta' Violetta. Faccata tidher is-sodda. Il-purtieri li jinsabu imdendla quddiemha, jidhru nofshom miġbuda fil-ġnub. Il-persjani tat-tieqa, jidhru maghluqa. Qrib is-sodda, tidher banketta bi flixkun ilma fuqha, tazza tal-kristall u xi fixken żaghar tal mistura. Ftit aktar l-hemm mis-sodda, tidher it-toiletta bi stool quddiemha. Divan ftit aktar l-isfel. Ftit il-boghod, biċċa mobbli oħra b'lampa tixghel. Xi siġġijiet jidhru mxerrda mal-kamra. Fuq ix-xellug, ċumnija mqabbda. )

(Qabel jiftah is-Siparju, l-Orkestra d-doqq l-Intermezz.)

(Kif jiftah is-Siparju, Violetta tidher rieqda. Bilqegheda fuq stool, ma' ġenbha, tidher Annina, tonoghos. )

Violetta: (Tistembah) Annina!

Annina : (Tinhasad) Hawn.... hawn, Mamselle.

Violetta: Miskina... kont qegheda tonoghos.

Annina : Iva, ahfirli....

Violetta: Jekk joghogbok, tini ftit ilma.

(Annina ittieha tixrob)

Ix-xemx, donnha ilha li telghet.

Annina : M'ilhomx li daqqu is-sebgha.

Violetta: Iftah ftit it-tieqa, Annina.

Annina : (Waqt li tiftah il-persjani u thares ghal barra:)

Mamselle, wasal it-tabib, Grenvil.

Violetta: It-tabib Grenvil huwa habib sincier. Nixtieq inqum, Annina. Ghini ftit jekk joghogbok.

(Tittamta tqum imma terga' taqa' l-ura. Mghejjuna minn Annina, tqum u timxi bil-mod lejn id-divan. It-tabib jidhol fil-hin biex jghina toqoghod bilqegheda. Annina tqieghed xi mhaded wara dhar Violetta.)

Tabib

Int twajjeb iżżejjed, tabib. Ma jghaddix jum li fieh ma tiġix tarani.

Tabib : Dmir tighi, dmir tighi, Violetta. Ghidli ~~issa~~/kif thossok il-lum.

Violetta: Qatt ma kont nemmen li l-ġisem jista' jsofri daqshekk. Jiena qegheda nhallas ghal-hajja mghoddija tighi. In-nifs, qegheda nhossu jonqosni kulljum. L-eżiżtenza tighi, qegheda biss fid-dlirju u fis-soghola. Tabib, haġa wahda nhoss normali... Mohhi. Iva, dan jinsab kalm hafna. Ilbierah, qassis twajjeb, tani s-sagramenti. Sewwa jghidu... Ir-Reliġjon hija l-balzmu tal-morda. Mill bierah l-hawn, inhossni aktar kalma... aktar mistrieha.

Tabib : Kif ghaddejtu l-lejl, Violetta?

Violetta: Irqadt...Irqadt il-lejl kollu.

Tabib : Sinjal tajjeb... Isa, ghamel kuraġġ. Il-konvalexxenza m'hix fil-boghod.

Violetta: Konvalexxenza!... Kelma li tużawaha spiss, inthom it-tobba.

Tabib : (Jaghfsilha idha) Ghall-issa, sejjer nhallik, Violetta. Il-lejla nerġa nghaddi.

Violetta: Tinsinix dott.

Annina : (Waqt li jkun hiereġ, b'lehen baxx:) X'jidhirlek minnha, dott?

Tabib : Ma baqaghaliex hajja ħlief ftit sieghat ohra. (Johroġ)

Annina : (Terġa' l-ura lejn Violetta:) Ghamel kuraġġ, Mamselle.

(Minn barra jinstama' distorbju - kant, tnabar ċapċip, etc)

Violetta: X'festa hi l-lum, Annina?

Annina : Il-lum, il-festa tal boloh - Il-lum, il-Karnival, Mamselle.

Violetta: Pariġi, il-lum, tintilef fil-hena... fil-kant u fi sfin... Min jaf, kemm hawn bhali li ma jistghux igawdu din il-festa?

(Waqt li tindikalha kaxxetta ċkejkna fuq it-toiletta:)

Annina, ara ftit xi flus baqaghali.

Annina : (Tersaq lejn it-toiletta, tiftah il-kaxxetta u tghodd:)

800 frank, Mamselle.

Violetta: Hu nofshom, u mur qassamhom lil foqra.

Annina : X'jibqa' ghalik, jekk naghmel dan, Mamselle?

Violetta: Dak li jibqa' huwa biżżejjed ghalija... Mur ... mur ghamel li ghedtlek u qabel titlaq newwilli l-ittri.

Annina : Imma, Mamselle......

Violetta: Obdini, Annina....

(Annina tiehu nofs il-flus)

Annina : Trid xi haġa qabel nitlaq?

Violetta: Le... mur u kemm tista' d-dumx.

X (Annina tohroġ. X Violetta tohroġ ittra minn sidirha u taqra b'lehen ċar li jifhmuha)

"Int żammejt l-kelma tighek. Il-Baruni Douphol, fid-dwell li kellu ma' ibni Alfredo, gie midrub gravi. Bhall-issa, il-Baruni jinsab xi ftit ahjar. Alfredo, wara dak id-dwell tbieghed minni u qabel telaq, jien urejtu bis-sagrifiċċju

l-int/.....

: l-int ghamilt ghalija. Huwa weghedni li ghandu jiġi jitolbok maħfra.... Jien ukoll irrid niġi narak... ghall-ġejjieni, int jixraqlek kull-hena u kull ġieh.

Ġorġ Ġermont."

(Tidhol mil ġdid Annina) tgħatom tò-avviżut ta mangamhna:

nnina : Dawk il-flus ~~qassamthom~~, Mamselle... Għandek bżonn xi ħaġa?

ioletta: Xejn, Annina. irridek biss toqoghod mighi.

nnina : (Thares lejn l-ittra li ghandha f'idejha) Xi aħbar tajba, Mamselle?

i letta. Iva.... Imma tard wisq... X'jiswa li naqra kliem bħal dan? Dawk li huma gheżież ghalija, m'humiex ħdejja.

(Tqum, tersaq lejn il-mera u thares fieha:) (Annina titlaq)

Kemm imbdielt, f'daqqa waħda. Fejnha ż-żoghożija??? Fejnha s-sbuħija tighi??? It-tabib qalli biex naghmel kuraġġ... biex nibqa nissielet mal-marda tighi... X'jiswa li naghmel dan? Il-marda tighi ma tħallix ghajr it-tama tal-mewt Addio l-imghoddi tighi... Dik id-dgawdija... dik l-hena... m'humiex ghajr holma ghalija... Alla tighi... ikollok ħniena... Aħfirli....

(Toqoghod bilwegheda u tinfexx tibki)

(~~Minn barra jinstama' ghajjat ferrieħi~~)

nnina : Mamselle!... Mamselle!

ioletta: Xiġara, Annina?

nnina : Ma thossokx xi ftit aħjar il-lum?

ioletta: Iva.... Ghaliex qegheda tistaqsini?

nnina : Weghedni li tibqa' kalma... Nixtieq intik aħbar.

ioletta: Annina!....

nnina : M'irridhx li l-aħbar li sejra ntik, tiswielek deni... Irridek tħejji ruħuk ghall-hena l-int ma kont tistenna qatt.

ioletta: Hena, ghedtli???

nnina : Iva... iva... Mamselle.

ioletta: Fhimthek, Annina... Int trid tghidli xi ħaġa fuq Alfredo.

Ghidli... jaqaw rajtu??? Wiġibni, Annina... Ghidli jekk hux qieghed hawn, jistennieni nghajjatlu.

nnina : (Kommossa) Iva.. iva... Mamselle.

ioletta: (Imbikkija) Alfredo!....

(Annina tqum, tmur tiftaħ il-bieb. )

(Jidhol Alfredo u waqt li jiġri lejn Violetta u jgħannagha mighu:)

Alfredo : Violetta!.. Violetta tighi'.....

Violetta : Mahbub Alfredo... ~~Oh!~~... Hena ta' qalbi....

Alfredo : Għażiża tighi... Bil-ferh inhossni ser niġġennen. Kont jien il-htija ta' kull ma ġara.... Issa sirt naf kollox Nitolbok tahfirli, Violetta.

Violetta : Insa Alfredo... Issa, li ninsab f'dirgħajk mill-ġdid... ma irrid naf xejn aktar.

Alfredo : Il-bogħod minnek, kont qiegħed immut - listess bhal xitla li tkun nieqsa mill-ilma... Fid-dwejjaq tighi, jiena ma ma kontx nara hlief lilek ... kont noħlom bik... kont narak hdejja f'kull-hin

Violetta : Jien ukoll Alfredo. Hsiebi kien dejjem fik. Kont nibża li sejra immut bla ma nilhaq narak.

Alfredo : Int sofrejt hafna ghalija.

Violetta : Iva sofrejt... imma x'jimporta la darba int rġajt l-ura?

Alfredo : Violetta... insa dak li sofrejna... Jekk inti tahfer, ahna ma ninfirdu qatt iżjed. Violetta, il-papa' tighi ukoll baghadt jitolbok il-mahfra.

Violetta : Ghandi setgha naghmel dan? Alfredo, jien ukoll hatja quddiemek.... Iva, l-imhabba li ghandi ghalik, ġaghalitni nghidlek kelma b'ohra.

Alfredo : Minn issa l-quddiem, ahna nghixu flimkien, qalb wahda... hsieb wiehed... Violetta... issa hadd m'ghandu s-setgha li jerga' jifridna... Ghamel kuraġġ... Jekk tghidli li inti tiflah, inhallu Pariġi ghal dejjem... Il-bogħod minn hawn, ahna nghixu hinjin, nissospiraw l-imhabba ta' bejnietna.

Violetta : (Tibki) Iva... iva... Alfredo.....

Alfredo : Fik, ġa qieghed nara dik is-sbuhija li kellek fl-imghoddi. Bl-imhabba, ghajnejk jidru ileqqu... Fil-kampanja, qalb il-fjuri u l-hdura ta' l-ghelieqi, int tiehu tiehu sahtek mill-ġdid. Ghidli, Violetta... ghidli li ~~xxi~~ mighi, inti trid thalli Pariġi ghal dejjem.

Violetta : Iva... Jiena ma rrid ninfired qatt iżjed minnek... Irrid niġi mighek kull fejn tmur, imma qabel, irrid ~~inzur~~ it-Tempju biex nizzi hajr l-Alla ghal grazzja li taghni. immur il-Knisja

(Bhal wahda sturduta tibda riesqa l-ura)

Alfredo : (Imbazza') Xi ġralek, Violetta? ~~Wiccek qieghed jinfexx~~.. Ghidli x'inti thoss.

Violetta : Xejn... xejn, Alfredo.... ~~Hena~~ forsi hekk ghall-gharrieda ma tistax ma tolqotlix lil qalbi....

(Tibki u taqa' bilqegheda kważi mitlufa. idejha jidhru mitluqa l-ura.)

Alfredo : (Imbazza: Waqt li jghina minn dahra) X'wahdadin... Xi ġralek, Violetta?

Violetta: (B'lehen debboli:) Xejn hlief l-effetti tal-marda li ghandi....

(Alfredo iserhilha dahra mad-dar tad-divan)

Hekk, inhossni ahjar.... Hares lejja, mahbub tighi.... M'inthix tara fuq xuftejja dik it-tbissima ta' dari?

Alfredo : (Indejjaq u jhares band'ohra) Destin kiefer!....

Violetta: Tibzax Alfredo.... Annina... newwilli dik il-libsa, jekk joghoġbok.

(Annina tnewlilha il-libsa)

Alfredo : X'sejra taghmel, Violetta? Le! Int ma tiflahx tiċċaqlaq ghall-issa.

Violetta: (Tqum bil-mod:) Iva... iva, niflah... immorru... immorru issa stess....

(Tiehu l-libsa f'idejha, tittanta tilbes imma ghalxejn... thossa bla forza, u:)

Maria Santissima... Anqas biss niflah nilbes....

(Terhi l-libsa minn idejha u mill ġdid taqa' fuq id-divan, tibki)

Alfredo : Annina, isa, haffef... mur ghat-tabib.

Violetta: Iva... mur, Annina... u tinsiex tghidlu lit-tabib li

Alfredo jinsab mill ġdid hdejja... Ghidlu li Violetta ghall-imhabba tighu tixtieq tfieq... Ghidlu li rrid nfittex nohroġ minn hawn biex bhal qabel... nghix hinja u ferhana...

(Annina tohroġ)

Alfredo : Ghaddielek xi ftit, mahbuba tighi?

Violetta: Ahjar, ahjar, Alfredo. Jekk bil-miġja tighek, jiena ma nfieqx... ebda tabib ma jfejjaqni... Alla tighi... ikollok hniena minni.... Thallinix immut hekk żaghżugha, meta issa, sibt l-hena tighi.

Alfredo : Kuraġġ, Violetta.

Violetta: Il-hsieb li jiena marida... il-hsieb li nista immut meta int rġajt tajtni l-imhabba tighek, huwa biżżejjed biex isewwidli qalbi.... Iva... qalbi tghidli li inti ġejt tard wisq... li ahna sejrin ninfirdu mill ġdid.

Alfredo : Tghidx hekk, ghażiża tighi. Jiena ninsab hdejk biex ma nitbieghed minnek qatt iżjed. Ghidli, Violetta... ghidli li inti trid tghix ghalija....

Violetta: Ghalik u ghalik biss....

Alfredo : Insa l-imghoddi u tajjar kull hsieb ta' swied il-qalb... Li narak hekk imnikkta, qalbi ma tiflahx, Violetta.

( Jidhlu Annina, Germont u t tabib )

Germont : (Waqt li dieħel fil-kamra) Violetta!

~~Violetta: Monsieur!....~~

Alfredo : Il-papa' tiegħi, Violetta.

Violetta: Int ma nsejtnix, Monsieur.

Germont : Le!... Jien żammejt kelmti... ġejt, biex bħal binthi, nifraħ bik... inrossok ma qalbi.

Violetta: Ġejt tard wisq, Monsieur... Bōdan kollu, jiena nirringrazzjak.... Int qalbek tajba.

(Tgħannqu magħha)

Jien ma ninsa qatt li fl-aħħar ta' ħajti, int ġejt tarani.

Germont : (~~Waqt li josservaha sewwa, imbazza'~~) X'inti tgħid, ~~Mamselle~~? ~~Kif jista' jkun?~~

~~Alfredo : (Imbikki) Int qiegħed tara sewwa, papa'.~~

Germont: Aħfirli, ~~Violetta~~... Aħfirli minn dak li għaġhaltek issofri. Il-lum, qiegħed nara kemm kont ~~kiefer~~ miegħek. ~~Għaini Sinjur tiegħi~~... qalbi ma tiflaħx aktar.

Violetta: ~~(Waqt li tersaq lejn it-toiletta; tiftaħ kexxun u toħroġ medaljun ċkejken:)~~

Alfredo... Ersaq lejja... jiena nixtieq inħallilek tifkira... tifkira ~~ta~~ meta kont għadni aktar fuq ~~tiegħi~~.... F'dal-medaljun, int għandek tara is-simbolu ta' l-imħabba li kelna bejnietna... Din it-tifkira tfakkrek f'dik Violetta li mietet f'dirgħajk tissospira l-imħabba tiegħek.

(Alfredo Jibki)

Germont : Tkomplix iżjed, ~~Violetta~~... Fik qiegħed nara vittma ta' imħabba safja.... Aħfirli.... aħfirli nitolbok.... Kont jien... jien stess li għaġhaltek issofri.

Violetta: Monsieur, fik jiena nara missier twajjeb... missier li jħobb lill-uliedu... insa... insa dak li għadda minghalina.... u int... int, Alfredo, jekk qatt tiltaqa' ma xi xbejba safja... li jkollok grazzja magħha, nitolbok tiżżewwiġha u tħobba bħal ma ħabbejt lili... Mitluf fl-imħabba, int tkun tista' turieha din it-tifkira tiegħi... Tgħidilha li jien inkun qegħeda nitlob għalikhom fis-Sema....

(Tintilef)

Alfredo : Violetta!... Ma jistax jkun... le ma jistax ikun li aħna ninfirdu hekk malajr.... Għamel kuraġġ... Jekk inti tmut, jien lest biex ninżel fil-qabar miegħek.

Germont : (Waqt li jħares lejn is-Sema) Oh Alla... ikollok ħniena.... ~~Ilqagħha fi ħdanek u tieħa il-mistrieħ...~~

Violetta: (Tistejqen u bi tbissima:) Haġa li ma titwemminx......

light in! (Many attenta) quickly!

Alfredo : (Ferhan) X'ġara, Violetta?

Violetta: (Tqum bil-mod) L-uġieh li kont qegheda nhoss marli ghal kollox.... Qegheda nhossni f'sahhti l-istess bhal qabel.... Iva... harsu lejja.... Jiena fieqt.... jiena rgajt hadt il-hajja mill-ġdid... Oh!.. X'ferh.... Jien.....

(Taqa' b'sabta l-ura fuq id-divan) light no 2

Germont :
Annina : Mejta!....

Alfredo : Violetta!... Kellimni.... Wiġibni......

Tabib : (Jersaq u jaqbdilha l-polz) Mietet!... Imsejkna Violetta.

Germont : Ahfrilha o Sinjur... Ikollok hniena minn ruhha.

Alfredo : (Jinxtehet jibki fuqha) Violetta!.. Violetta!.......

(Jibki fit-tul)

SIPARJU BIL-MOD.